MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2010

Numru. 1133/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**Vs**

**Shaun Demicoli ta’ 36 sena bin Lucio u Judith nee’ Nappa, imwieled il-Pieta’ fl-20 ta’ April 1977 u joqghod fil-fond Flt. No.10 Blokk C1, Ta’ Paris, Birkirkara u detentur tal-karta ta’l-identita numru 0220877(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Shaun Demicoli li gie akkuzat:

A) talli filwaqt li kien fi Triq Tal-Barrani, limiti ta’ Hal Tarxien u fi Vjal Santa Lucia, Rahal Gdid, nhar is-6 ta’ Awwissu 2006, ghal habta tal-5:15 ta’ wara nofs in-nhar, dolozament bil-hsieb li jikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Clayton Xuereb, Philip Coleiro u Cleaven

Caruana lkoll mill-Marsa, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghall-esekuzjoni ta’ dan id-delitt, billi saq vettura tal-ghamla Volkswagen, mudell Jetta, bin-numru tar-registrazzjoni: IAL-426, fid-direzzjoni taghhom, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta tieghu u dana ai termini ta’l-artikli 41, 214 u 216(1)(a)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

B) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi filwaqt li kien fi Vjal Santa Lucia, Rahal il-Gdid, volontarjament hassar, ikkawza hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli cioe’ vettura ta’l-ghamla Renault, mudell Clio, ta’ lewn blu u li ghandha n-numru tar-registrazzjoni: JBH-703, liema valur jeccedi Lm100 ghad-dannu ta’ Carmel Xuereb mill-Marsa u persuni ohra u dana bi ksur ta’l-artiklu 325 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

C) U aktar talli filwaqt li kien fi Vjal Santa Lucia, Rahal Gdid, ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Clayton Xuereb mill-Marsa skond kif iccertifikat minn Dr. Edward Massa M.D., it-tabib tat-Taqsima ta’l-Emergenza ta’l-isptar San Luqa u dana bi ksur ta’l-artiklu 221 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

D) Billi akkuzat ukoll talli nhar is-6 ta’ Awwissu 2006, ghal habta tal-5:15 ta’ wara nofsinhar, filwaqt li kont fi Triq tal-Barrani, limiti ta’ Hal Tarxien u fi Vjal Santa Lucia, gewwa Rahal il-Gdid saq vettura ta’l-ghamla Volkswagen, mudell Jetta, bin-numru tar-registrazzjoni: IAL-426, b’nuqqas ta’ kont, bi traskuragini u b’manjiera perikoluza u dana bi ksur ta’l-artiklu 15(1) u l-iskeda 2 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

E) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi saq vettura ta’l-ghamla Volkswagen, mudell Jetta, bin-numru ta’ registrazzjoni: IAL-426, b’giri aktar milli jmissu.

F) U aktar talli, fl-istess data, lok u cirkustanzi, filwaqt li kien fi Triq Tal-Barrani, limiti ta’ Hal Tarxien hebb ghal persuna ta’ Clayton Xuereb, mill-Marsa, b’oggetti iebsin (hadida) bl-intenzjoni li jikkawza feriti fuq dina l-persuna u

dana bi ksur ta’l-art.339(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

G) Akkuzat ukoll talli, filwaqt li kont fi Vjal Santa Lucia, Rahal il-Gdid, wara li gie ipprovokat, ingurja lil Clayton Xuereb mill-Marsa, b’mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dana bi ksur ta’l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

H) akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, stieden ghal glied lil Clayton Xuereb mill-Marsa.

I) Talli fl-istess data, hin u lok hebb kontra l-persuna ta’ Clayton Xuereb sabiex jingurja jew jaghmel hsara lill-istess u dana bi ksur ta’l-artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

J) Akkuzat ukoll talli fi Vjal Santa Lucija gewwa Rahal il-Gdid hedded lil Clayton Xuereb bil-kliem: “Din ma spiccatx hawn … u li kont ser issibu fil-Festa ta’ San Gejtanu u kont ser taghtih 14-il daqqa ta’ sikkina f’wiccu u dana bi ksur ta’l-art.339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

K) U aktar talli, fl-istess data, hin, lok qal fil-pubbliku kliem oxxen u indicenti u dana bi ksur ta’l-artikolu 338(bb) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L) talli fl-istess data, hin, lok volontarjament kiser il-buon ordni u il-kwiet tal-pubbliku u dana bi ksur ta’l-artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

K) Akkuzat ukoll talli fl-istess cirkustanzi sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Rat n-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali tal-11 ta’ Ottubru 2007;

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat principalment bir-reat tat-tentattiv ta' offizi ta' natura gravi u dana kif rifless fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali.[1] Illi sabiex jissusisti ir-reat ta'l-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. **"Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu."** (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid:

*"**the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible." (Notes on Criminal Law).** Izda imbaghad izid**: "Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo**."*

Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika vs Domenic Briffa deciza

[1] Ara fol.125

fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul u ikkonkludiet:

**"Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' <u>jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika</u> li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz." (sottolinjar tal-Qorti).**

Illi dana il-kaz jitratta dwar incident tat-traffiku li madanakollu kellu l-bidu tieghu fi skambju bejn is-sewwieqa li skala sabiex wassal ghal dak li jissejjah komunement bil-lingwa ingliza "*road rage*". Illi l-Qorti mal-ewwel tosserva illi hemm konfliggenza fil-verzjoni moghtija mill-parti leza u shabu u minn naha l-ohra l-imputat. Jidher illi fil-jum ta' dana is-sinistru stradali, l-parti leza u shabu kienu telghin minn Birzbbugia fejn kienu iltaqghu u qattghu xi hin f'bar jixorbu xi flieken tal-birra flimkien. Huma kienu telghin lura minn Birzebbugia u kienu jinsabu fi Triq tal-Barrani vicin it-traffic lights li jaghtu ghal Bulebel. Kieu qeghdin f'zewg vetturi separati wahda misjuqa mill-parti leza Clayton Xuereb u l-ohra mill-habiba tieghu Marouschka Attard. Flimkien ma' Clayton kien hemm zewgt ihbieb tieghu Philip Coleiro u Klievan Caruana. Ma' Marouschka kien hemm tfajla ohra li madanakollu baqghet qatt ma telghet tixhed fil-kawza. Jidher illi Attard kienet qed issuq iktar 'il quddiem minn Xuereb u meta wasslu vicin dawn it-traffic lights Xuereb kellu jieqaf izda Attard lahhqet ghaddiet. Xuereb u shabu ighidu illi hawn Clayton daqq il-horn sabiex jaghmel sinjal lil Attard illi huwa kellu jieqaf. F'dana il-mument l-imputat waqqaf biswit il-vettura ta' Xuereb fuq il-karreggjata ta' barra fejn dan haseb illi Xuereb kien qed idoqq il-horn ghalih u ghalhekk nizzel it-tieqa tan-naha tal-passiggier sabiex jistaqsi lil Xuereb jekk kellux bzonn xi haga min ghandu u ghalfejn kien qed idoqq il-horn u jidher illi minn hawn inqala' xi argument bejniethom it-tnejn fejn Xuereb u shabu jallegaw illi l-imputat nizel ghalihom mill-vettura b'hadida u f'dana il-hin Xuereb beza' u saq ghalkemm il-

kulur tat-traffic lights kien ghadu fuq l-ahmar. Minn naha tieghu ghalkemm l-imputat jaqbel illi Xuereb kien qed idoqq il-horn u li huwa waqqaf ghas-sodisfazzjoni madanakollu ighid illi Xuereb kien ilu idoqq il-horn u jilghab fil-lanes mal-vettura l-ohra ta' Attard ferm qabel il-lights. U li kien minhabba f'din ir-raguni illi huwa kien staqsa lil Xuereb 'il ghala kien qed isuq b'dana il-mod u idoqq il-horn kontinwament. L-imputat izda jichad illi nizel ghalih b'hadida u jichad anzi illi fil-pussess tieghu kellu dina l-hadida. Jikkonferma illi Xuereb saq qabblu minn fuq il-lights izda jikkontendi illi lahaqhom iktar 'il fuq meta dan kien irrallenta vicin il-vettura ta' Attard u ghalhekk ighid illi qabizhom u qabad niezel in-nizla li tiehu lejn ic-cimiterju ta'l-Addolorata.

Minn hawn 'il quddiem il-partijiet jaghtu zewg verzjonijiet kompletament differenti ta' dak li sehh f'dina in-nizla sakemm sehh l-impatt bejn iz-zewg vetturi, kif lanqas ma jaqblu ghar-rigward ta' dak li sehh immedjatament wara l-impatt fejn hemmhekk allura zvolgiet il-glieda. Clayton Xuereb u shabu jikkontendu illi huma kienu nezlin dina in-nizla quddiem l-imputat, fuq il-karreggjata tan-naha ta' gewwa, meta dan ta'l-ahhar ghal xi raguni gie minn warajhom bi speed eccessiv u swervja ghal fuq il-vettura ta' Xuereb biex b'hekk tah daqqa fuq il-mudguard tan-naha tal-lemin fuq wara. B'din id-daqqa il-vettura misjuqa minn Xuereb baqghet diehla fuq il-bankina u b'hekk il-vettura garrbet hsara ukoll fuq il-mudguard u ir-rota tax-xellug ta' quddiem. Ighidu illi mal-impatt iz-zewg vetturi waqqfu u l-imputat nizla mil-vettura ghal Xuereb bil-hadida f'idejh u xejjirlu daqqa fuq imniehru. Illi kollha kemm huma u cioe' Clayton Xuereb, Philip Coleiro, Klievan Caruana u Marouschka Attard isostnu illi huma ma jafux kif l-imputat sofra il-ferita fuq wiccu u anzi l-parti leza isostni illi meta l-imputat hareg mill-vettura huwa diga kellu id-demm f'wiccu.

Illi minn naha tieghu l-imputat jikkontendi illi huwa qabad in-nizla tal-Addolorata isuq fuq il-karreggjata in-naha ta' barra tat-triq. F'hin minnhom osserva il-vettura misjuqa minn Xuereb niezla bi speed eccessiv fuq il-karreggjata ta' gewwa u ghalhekk iddecieda jaqleb ghal fuq l-karreggjata

ta' gewwa biex ikun jista' jibqa isuq bil-mod u ihalliehom ighaddu, izda ighid illi hekk kif kien ser jaqleb il-karreggjata din il-vettura lahhqet wasslet ghal fuqu u dana ipprova ighaddi minn bejnu u bejn il-bankina sabiex b'hekk sehh impatt bejniethom fejn il-vettura ta' Xuereb spiccat habtet mal-bankina. L-imputat jikkontendi illi wara l-impatt huwa baqa' fil-vettura izda minnufih gie Xuereb ghal fuqu u hekk kif kien qed iholl is-seat belt, Xuereb dahhal idejh minn got-tieqa u beda isawwtu u xejjirlu daqqa fuq wiccu b'xi strument li dak il-hin ma setax jirrikonoxxi x'kien. Ighid illi huwa hass id-demm hiereg minn wiccu u minn halqu u ighid anke li beda jobzoq id-demm. Jichad illi huwa hebb hal Xuereb jew li ikkagunalu xi griehi u jichad ukoll illi huwa uza xi hadida fuqu biex isawwtu.

Illi ghalkemm saru tfittxijiet fuq il-post u fil-vettura ta'l-imputat mill-pulizija, il-hadida li allegatement intuzat fl-incident mill-imputat ma instabitx. Izda iktar tard Marouschka Attard kienet marret l-ghassa tal-pulizija u hadet hadida maghha li stqarret li kienet l-istess hadida li uza l-imputat u li hi kienet sabitha fuq il-post qalb il-haxix.

Ikkunsidrat,

Illi minn dina l-esposizzjoni tal-fatti ta' dana il-kaz, l-Qorti ma tarax l-icken indizzju jew prova li tista' b'xi mod tissosstanzja l-akkuza dwar it-tentattiv tal-offiza gravi. Ibda biex ma hemmx lanqas l-ombra ta' prova li tista' b'xi mod twassal lil din il-Qorti biex tistabbilixxi illi l-imputat kellu dik l-intenzjoni specifika rikjesta fil-ligi biex jikkaguna xi offiza ta' natura gravi fuq Clayton Xuereb. Dana qed jinghad peress illi hemm wisq kunflitt fil-provi dwar l-akkadut, bl-imputat jinnega kategorikament u inisistentement illi huwa ried jaghmel xi hsara fuq Clayton Xuereb u shabu. Illi ghalkemm il-parti leza u shabu kollha jaghtu verzjoni wahda ta'l-akkadut, dina l-Qorti, madanakollu xortawahda sabitha ferm difficcli illi tabbraccja il-verzjoni taghhom u teskludi ghal kollox bhala inveritjiera il-verzjoni ta'l-imputat, u dana billi anke il-verzjoni ta'l-imputat hija wahda li taghmel sens u li hija kredibbli u dana ghas-segwenti motivi:

1. Ibda biex gie ippruvat mill-atti illi il-parti leza kien ikkonsma ammont ta' alkohol tant illi meta sarlu it-test tal-breathalyzer mill-ufficjali tal-pulizija fuq il-post ta'l-incident instab illi kellu livell gholi ta'alkohol.[2] Fil-fatt huwa gie misjub hati minn dina l-Qorti kif diversament ippresjeduta illi kien qieghed isuq taht l-influwenza tax-xorb u kwindi lanqas messu kien qieghed fit-triq fl-ewwel lok.

2. Illi ghalkemm l-parti leza u shabu jikkontendu illi l-imputat kellu hadida fil-pussess tieghu, dina qatt ma instabet mill-pulizija fuq il-post u lanqas fil-vettura ta'l-imputat. Izda jidher illi ghalkemm l-pulizija ma irnexxielhomx isibu dina l-hadida[3], Marouschka Attard jidher illi irnexxielha issibha qalb il-haxix u haditha lill-pulizija iktar tard. Il-Qorti ma tistax tifhem x'kienet ir-raguni 'il ghala dina l-hadida ma gietx moghtija lill-pulizija dak il-hin fuq il-post izda giet mehuda l-ghassa ftit wara. Illi skond ix-xhieda ta' Philip Coleiro li ighid li ra dina l-hadida f'idejn l-imputat meta nizel mill-vettura, dina l-hadida allegatament waqghet fl-art minn idejn l-imputat. Jidher li hadd mill-partijiet ma iccaqlaq minn fuq il-post u wasslu il-pulizija minnufih, allura l-Qorti tistaqsi, kif setghet dina l-hadida tispicca fil-haxix minghajr hadd ma jinduna. Possibbli illi l-imputat li kien ukoll ferut gabar din il-hadida u mar jarmieha fil-haxix u hadd ma nduna b'dan? L-imputat minn naha tieghu jichad kategorikament li kellu dina l-hadida fil-pussess tieghu.

3. Illi ghalkemm l-parti leza tikkontendi illi kien l-imputat li beda isuq ghal warajhom bi speed eccessiv tant li spicca lahqu u appozitament baqa' diehel fil-vettura tieghu tant illi huwa habat mal-bankina bid-daqqa li tah, madanakollu il-brake marks li instabu fuq il-post jindikaw l-oppost. Dana qed jinghad ghaliex filwaqt illi l-vettura tal-imputat halliet 12.3 metri ta' brake marks, l-vettura tal-parti leza halliet brake marks itwal u cioe' 16-il metru. Dana jista' ifisser haga wahda biss u cioe' illi l-vettura tal-parti leza kienet

---

[2] Ara sentenza il-pulizija vs clayton xuereb a fol.308 et seq.

[3] Ara xhied tal-Ispettur Anthony Agius a fol.266 fejn ighid illi dak il-hin saret search ghal turnavit u ighid hekk: "hemmhekk kien hemm hafna haxix u hmieg u imbarazz kwazi trid tkun vera lucky biex issibu."

qed tinsaq b’velocita iktar minn dik ta’l-imputat. Jekk wiehed ihares lejn ir-regolamenti 281 u 282 tal-Highway Code, jista’ jasal ghal konkluzjoni illi l-vettura ta’l-imputat kienet qed tinsaq b’velocita ta’ bejn 48 u 64 kmh, filwaqt illi dik tal-parti leza Xuereb kienet qed tinsaq b’velocita ikbar ta’ bejn 64 u 80kmh. Dana imur kontra l-verzjoni moghtija mill-parti leza ghaliex li kieku l-imputat kien qieghed isegwiehom, zgur illi l-velocita tieghu kienet tkun wahda ikbar u mhux inqas u ghalhekk f’dawn ic-cirkostanzi iktar taghmel sens il-verzjoni ta’l-imputat li ighid illi kien il-parti leza li isorpassah fil-karregjata tan-naha ta’ gewwa fil-mument illi hu kien qieghed jipprova jikser ghal go dina l-karregjata biex b’hekk sehh l-impatt bejn iz-zewg vetturi.

4. Illi l-Qorti hija ukoll perplessa kif la l-parti leza u lanqas shabu konvenjentement ma jafu kif gew ikkagjonati il-griehi f’wicc l-imputat. Uhud minnhom ighidu illi ghalkemm raw li kellu id-demm f’wiccu izda ma jafux kif gara dan, filwaqt illi ohrajn, fosthom il-parti leza stess, ighidu addirittura illi meta hareg mill-vettura l-imputat diga kellu id-demm f’wiccu. Illi gie stabbilit mit-tabib li ezamina lill-imputat, Dr. Anton Bugeja, illi l-feriti li sofra l-imputat kienu kompatibbli ma’ daqqa ta’ strument li jaqta u bil-ponta.[4] Illi huwa kemmxejn inverosimili illi tali gerha setghet giet ikkagjonata mal-impatt bejn iz-zewg vetturi billi jirrizulta illi l-impatt ma kienx xi wiehed qawwi tenut kont tal-hsarat minimi li kien hemm fil-vettura ta’l-imputat u anke tal-parti leza. L-impatt sehh bejn il-mudguard ta’ quddiem tan-naha tax-xellug tal-vettura ta’l-imputat mal-mudguard ta’ wara tan-naha tal-lemin tal-vettura tal-parti leza. La kien hemm xi hgieg miksur li setghu jikkagunaw xi qata’ u lanqas xi debris iehor li seta’ tar f’wicc l-imputat. Inoltre iz-zewg ufficjali tal-pulizija li wasslu minnufih fuq il-post u li xehdu fil-kawza Il-Pulizija vs Clayton Xuereb, izda ghal xi raguni ma tressqux bhala xhieda f’dina l-kawza, it-tnejn ighidu illi raw lill-imputat b’ferita f’wiccu li minnha kien hiereg hafna demm tant illi l-imputat sahansitra beda anke jobzoq id-demm minn halqu.[5]

[4] Ara certifikat mediku a fol,120
[5] Ara xhieda ta’ PC40 Raymond Saliba a fol.262 u tal-Ispettur Anthony Agius a fol.265

Illi l-Qorti ghalhekk hija rinfaccjata b'dawn id-dubbji kollha, dubbji li johorgu meta wiehed jifli l-atti processwali akkuratament. Fid-dawl ta' dana id-dubbju ghalhekk l-akkuza dwar it-tentattiv tal-offiza gravi fuq il-persuna ta' Clayton Xuereb certament ma tistax tirnexxi.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat tal-hsara volontarja fuq il-vettura ta'l-parti leza Clayton Xuereb. Illi mill-provi akkwiziti ma hemmx dubbju illi l-imputat kien ser jinvadi il-karreggjata tal-parti leza meta huwa intenta jidhol fil-karreggjata tan-naha ta' gewwa u ghamel kalkolazzjoni zbaljata dwar l-velocita li kien gej biha l-parti leza. Kwindi l-Qorti hija tal-fehma illi l-imputat jahti ghal dana is-sinistru stradali, madanakollu mhux b'mod volontarju, izda involontarju u kwindi il-Qorti ser issib htija ai termini ta'l-artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 u mhux l-artikolu 325 kif indikat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju.

Illi ukoll l-imputat huwa akkuzat illi ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq Clayton Xuereb kif ukoll b'akkuzi ohra ta' natura kontravvenzjonali konnessi ma' ingurji u theddid. Illi dwar l-akkuza tal-offiza ta' natura hafifa, l-Qorti taghmel referenza ghal dak li diga intqal iktar 'il fuq u cioe' illi hemm wisq kunflitt fil-provi sabiex il-Qorti tista' tistabbilixxi b'certezza illi l-feriti rapportati minn Clayton Xuereb gew ikkagjonati mill-imputat billi ghalkemm Xuereb ighid illi l-imputat xejjirlu daqqa ta' hadida u laqqtu fuq imniehru, l-imputat dana jichdu. Inoltre anke il-hbieb ta'l-imputat ighidu illi ma rawx lill-imputat isawwat lil Xuereb b'din il-hadida u ghalkemm uhud minnhom ighidu li rawha f'idejh madanakollu ighidu li ma rawhx qed issawwat lil Xuereb biha. Ighidu biss illi semaghhom jillettikaw u jitghajjru. Dana huwa ikkonfermat mill-Ispettur AnthonyAgius li wasal l-ewwel fuq il-post li jikkonferma illi lil dawn it-tnejn minn nies sabhom qed jillettikaw u mar biex iferraqhom.[6] Kwindi l-Qorti ser issib htija biss ghall-akkuzi

[6] Ara xhieda ta'l-Ispettur Anthony Agius a fol.265

kontravvenzjonali ikkontemplati fl-artikoli 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9.

Ikkunsidrat,

Illi minn qari tan-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali jirrizulta illi l-imputat qed jigi addebitat ukoll b’reati ikkontemplati fil-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi b’mod ewlieni l-imputat qed jigi akkuzat li saq b’manjiera traskurata u perikoluza. Illi a skans ta’ repetizzjoni, jirrizulta kunflitt fil-provi dwar il-verzjonijiet moghtija mill-partijiet dwar id-dinamika ta’ dana l-incident u kwindi l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza. Illi l-Avukat Generali jindika ukoll l-artikoli 54 u 55 tal-Kapitolu 65, izda ma jindikax taht liema mis-sub artikoli ta’l-artikolu 54 tista’ tinsab htija fil-konfront ta’l-imputat. Illi ghaldaqstant il-Qorti ma tarax kif dina d-disposizzjoni tal-ligi tista’ issib applikazzjoni f’dana l-kaz.

Finalment l-Avukat Generali jindika ukoll ir-regolament 127 ta’l-Avviz Legali 129/1994. Illi dana l-Avviz Legali ma ghandu xejn x’jaqsam mal-mertu ta’ dina l-kawza billi jitratta dwar il-Projbizzjoni ta’l-Importazzjoni ta’ Fibri ta’l-Asbestos. Illi x’aktarx illi l-Avukat Generali ried jindika l-Avviz Legali 128 tal-1994, izda billi qatt ma intallbet korrezzjoni fin-nota, l-Qorti hija marbuta bl-artikoli tal-Ligi hemmhekk indikati u ma tistax kwindi issib htija fil-konfront ta’l-imputat ghal ksur ta’ dana ir-regolament.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat huwa recidiva ai termini ta’l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ippruvat ampjament fl-atti. Kwindi billi l-imputat ser jinsab hati ta’l-akkuzi li igorru maghhom piena ta’ ammenda, l-Qorti ser tinfliggi il-piena ta’ multa fil-konfront tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 328(b), 338(dd) u 339(1) (e), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati li involontarjament ikkaguna hsara fuq il-vettura tal-parti leza Clayton Xuereb, kif ukoll issibu hati ta’l-akkuzi bl-ittri “G” u “L” kif ukoll l-akkuza dwar ir-

recidiva, u tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ €500 u tilliberah mill-kumplament ta’l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fuq kunflitt ta’ provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------